**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**03 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 42/2024**

**Rennie Christ Micallef**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Rennie Christ Micallef** ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. *Ir-rikorrenti huma s-sid ta' parti mill-barriera magħrufa bħala Ta' Xwieki (no. 5) liema barriera tinsab ġewwa Triq Santa Katarina, Għargħur, magħrufa bħala 'Tal-Balal', ta' kejl ta' madwar tmienja u għoxrin (28) tomna u tinkludi wkoll numru ta' mħażen għal-inġenji kbar.*

2. *L-Awtorità appellata iddeċidiet b'mod arbitrarju illi tagħlaq l-aċċess għat-trakkijiet mill-passaġġ illi jinsab bejn Triq ix-Xiber u Triq is-Sebħ illi jinsabu ġewwa Triq il-Madliena (parti minn) Swieqi.*

3. *Permezz ta' talba formali mressqa mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi, il-Kunsill talab sabiex id-deċiżjoni tal-Awtorità tiġi riveduta u ċioe' illi jingħata aċċess għat-trakkijiet sa massimu ta' ħamsa u għoxrin (25) tunellata, 'Request to amend to allow heavy vehicles up to 25tons to pass between Triq ix-Xiber & Triq is-Sebħ in Triq il-Madliena (part of), Swieqi' (60/TMD/22/15)'.*

4. *L-Awtorità appellata permezz ta' ittra datata nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2024, informa lil Kunsill Lokali tas-Swieqi illi t-talba tagħhom kienet qiegħda tiġi rifjutata (kopja ta' din l-ittra qiegħda tiġi hawnhekk annessa u mmarkata bħala **'Dok A'**).*

5. *L-appellant wara li kien ġie informat b'din id-deċiżjoni mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi, talab huwa stess lill-Awtorità sabiex tirrikonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2024 u dan billi timplimenta r- rakkomandazzjonijiet indikati fir-rapport ta' Bjorn Bonello. Wieħed ta' min jagħmel referenza għall-fatt illi Bonello fir-rapport tiegħu ta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2023, ipprovda numru ta' soluzzjonijiet illi jistgħu jsiru sabiex tiġi osservata s-sigurtà ġewwa toroq in kwistjoni (kopja ta' dan ir-rapport qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok B'**).*

6. *Madanakollu, permezz ta' komunikazzjoni elettronika datata nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju 2024, l-avukati sottoskritti ġew informati illi t-talba tal-appellant kienet qiegħda tiġi miċħuda (kopja ta' din l-email qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok C'**).*

7. *Ir-raġuni mogħtija mill-istess Awtorità kienet illi: 'Ir-realtà hi li t-triq hija dejqa ħafna, u għalhekk trakkijiet u vetturi oħra kbar mhux biss huma ta' inkonvenjent iżda joħolqu riskju ta' ħsara għall-proprjetà u għall-utenti l-oħra tat-triq, kemm għal vetturi u kif ukoll għal nies li jgħaddu bil-mixi. Ir-rotta alternattiva hija ferm aktar addattata u fil-fatt tintuża wkoll mill-karozzi tal-linja, u ma toħloq ebda preġudizzju għall-klijent tagħkom'.*

8. *Id-deċiżjoni msemmija hija waħda totalment żbaljata, inġusta, irraġjonevoli, u bbażata fuq kunsiderazzjonijiet għal kollox irrelevanti. Għalhekk, l-esponenti ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u b'hekk qiegħed jintavola dan l-umili appell.*

*<u>Konklużjoni</u>*

9. *Id-deċiżjoni msemmija hija waħda totalment żbaljata, inġusta, irraġjonevoli, u bbażata fuq kunsiderazzjonijiet għal kollox irrelevanti. Għalhekk, l-esponenti ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u b'hekk qiegħed jintavola dan l-umili appell.*

*<u>It-Talba u r-Rimedju Mitlub</u>*

1. *Ir-rikorrent għaldaqstant jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal, salv kwalunkwe dikjarazzjoni jew ordni meqjusa opportuna, iħassar id-deċiżjonijiet tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2024 u tal-ħmistax (15) ta' Mejju 2024 u/jew kwalunkwe deċiżjoni relattiva u/jew konsegwenti, u minflok jordna lill-Awtorità intimata sabiex tilqa' t-talba tal-appellant b'dana illi jsir dak kollu meħtieġ sabiex jingħata aċċess għat-trakkijiet sa massimu ta' ħamsa u għoxrin (25) tunellata mill-passaġġ illi jinsab bejn Triq ix-Xiber u Triq is-Sebħ illi jinsabu ġewwa Triq il-Madliena (parti minn) Swieqi.*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fis-17 ta' Gunju 2024 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi, in linea preliminari, qed jiġi eċċepit illi r-rikorrenti ma jistax jippromwovi l-azzjoni odjerna quddiem dan it-Tribunal u dana għaliex l-istess rikorrenti ma jistax jitqies la li huwa 'persuna aggravata' u wisq anqas li għandu interess ġuridiku neċessarju għal tali azzjoni stante li ma huwiex is-suġġett li lilu hija diretta d-deċiżjoni tal-Awtorità u għaldaqstant m'għandux locus standi quddiem dan it-Tribunal u dan a termini tal-artikolu 57(1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta 'Malta.*

2. *Illi, ukoll in linea preliminari, qed jiġi eċċepit illi l-Onorabbli Tribunal m'għandux il-kompetenza li jordna lill-Awtorità intimata sabiex tagħti aċċess għat-trakkijiet sa massimu ta' ħamsa u għoxrin (25) tunellata mill-passaġġ illi jinsab bejn Triq ix-Xiber u Triq is-Sebħ illi jinsabu ġewwa Triq il-Madliena (parti minn) Swieqi, kif mitlub mir-rikorrent u dana għaliex t-Tribunal ta 'Reviżjoni Amministrativa għandu s-setgħa biss li jirrevedi atti amministrattivi maħruġa minn awtorita 'pubblika bis-saħħa tal-Artiklu 5 tal-Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva [Kap 490 tal-Liġijiet ta 'Malta] iżda m'għandux is-setgħa illi* ***__jevalwa hu u jordna__*** *lill-istess, għaliex tali mansion teżorbita kompletament il-mansjonijiet u l-ġurisdizzjoni ta 'dan l-Onorabbli Tribunal. Huwa jista ' biss jordna illi l-Awtorità terġa' tevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrent;*

3. *Illi, bla preġudizzju għal dak suespost u fil-mertu, l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu stante illi d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata hija ġusta u ttieħdet ai termini tal-Liġi u għaldaqstant l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi, bla preġudizzju għal dak suespost, dak li l-appellant qed jistieden lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jagħmel m'huwiex illi jissindika d-deċiżjoni oriġinali meħuda mill-Awtorita 'rispondenti, għaliex tali*

*deċiżjoni ilha fis-seħħ sa mid-19 ta' Settembru 2022 60/TMD/22/15 (anke għaliex tali azzjoni tkun monka a termini tal-preskrizzjoni) iżda li tramite l-manuvri legali jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jissendika id-deċiżjoni ta' rifjut għall-emenda fid-deċiżjoni oriġinali 60/TMD/22/15 li ngħatat lill-Kunsill Lokali;*

5. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità hija a termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mogħnija bis-setgħa li "tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha li jistgħu jkunu meħtieġa għar-regolament, immaniġġar, sigurtà u kontroll tat-traffiku stardali, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll lokali u għal dan il-għan li tadotta strateġiji u standards li għandhom valur referenzjarju Ewropew". Illi għaldaqstant, d-deċiżjoni li ħadet l-Awtorità għar-rifjut għat-talba għall-emenda fid-deċiżjoni oriġinali 60/TMD/22/15 kienet fil-parametri tal-setgħat u l-funzjonijiet li huma mogħtija lilha bil-liġi.*

6. *B'żieda mal-premess, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu d-deċiżjoni tar-rifjut hija waħda motivata u msejsa fuq raġunijiet li jolqtu s-saħħa u s-sigurtà tal-utenti kollha tat-triq.*

7. *Illi għal dawn il-motivi l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ;*

***Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talba kif dedotta fir-rikors promotur bl-ispejjeż kontra l-appellant.***

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2024, dan it-Tribunal qajjem eċċezzjoni *ex officio,* u ċioe` l-eċċezzjoni li m'ghandux kompetenza *rationae materiae* biex jirrevedi d-deċizjoni appellata;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra n-Nota tal-Awtorita` intimata pprezentata fl-imsemmija seduta.

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni mqajjma *ex officio.*

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ipproċeda bl-appell odjern stante li ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata li permezz taghha nghalaq aċċess ghat-trakkijiet minn passagg li jinsab bejn Triq ix-Xiber u Triq is-Sebħ gewwa l-Madliena, Swieqi. Mir-rikors promutur jirrizulta li r-rikorrent talab lill-Awtorita` intimata tirrikonsidra l-posizzjoni tagħha, pero` baqgħat ferma mal-istess deċiżjoni.

Illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri, it-Tribunal ħass li kellu jqajjem eċċezzjoni dwar il-kompetenza tieghu biex jaghmel dak mitlub fit-talba tar-rikorrent, u ċioe` li jhassar id-deċizjonijiet tat-28 ta' Frar 2024 u tal-15 ta' Mejju 2024.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ligi li tirregola l-Awtorita` intimata hija l-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ai termini tal-artikolu 40 (1) tal-imsemmija ligi, dan it-Tribunal ghandu kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:

(a) *Appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u*

(b) *(b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità.*

Illi fit-trattazzjoni orali, gie konċess illi r-rikorrent ma kienx qed jibbaza t-talba tieghu abbazi tal-artikolu 40 (1) tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta izda abbazi tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva). Dana ghaliex, skont hu, dan l-artikolu ma jirrestringix lit-Tribunal bl-ebda kompetenza speċifika. Id-difensur tar-rikorrent sahaq illi kieku wiehed kellu jargumenta illi r-rikorrent kellu biss it-triq li jipproċedi ai termini tal-artikou 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, allura wiehed ikun qed jaghlaq il-bibien lir-rikorrent stante li biex tigi annullata deċizjoni ai termini tal-imsemmi artikolu trid tkun wahda *ultra vires* jew inkella tmur kontra l-Kostituzzjoni.

Illi t-Tribunal ma jaqbel assolutament xejn ma' din l-ahhar sottomissjoni u ċioe` li b'xi mod l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 huwa b'xi mod artikolu restrittiv, anzi huwa pjuttost il-kontra fejn jidhol stharrig amministrattiv.

Illi pero`, lil hinn minn dan l-argument, il-fulkru tal-kwistjoni huwa jekk dan it-Tribunal ghandux kompetenza li jirrevedi xi deċizjoni tal-Awtorita` intimata li hija barra l-parametri msemmija fl-artikolu 40 (1) tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal tinsab delinejata f'Artikoli 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva), li jgħid is-segwenti:-

***5.(1) Qiegħed jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.***

***(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi.***

Illi din id-disposizzjoni giet proprju emendata permezz tal-Att IV tal-2016 sabiex jitnehha kwalunkwe dubju dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal bil-mod kif kienet il-ligi qabel[1], fejn allura l-legislatur ghamilha ċara illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza generali li jirrevedi atti amministrattivi li jistghu jigu riveduti ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda jista' jirrevedi biss dawk l-atti amministrattivi preskritti mill-istess Att jew ai termini ta' kull ligi ohra li tistabbilixxi l-kompetenza tieghu.

[1] Qabel l-emendi tal-2016, artikolu 5 kien jaqra hekk: *(1) Qiegħed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jirrivedi atti amministrattivi.*

Fir-rigward, it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Raymond Abela vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta,**[2] li minkejja li nghatat qabel l-emendi tal-2016, diga' kien hemm direzzjoni dwar il-limiti tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal, u cioe`:-

*Illi huwa minnu li, minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-legislatur ma deherlux li kellu jhassar ukoll l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli wkoll bhala ghodda ta' stharrig gudizzjarju ta' l-ghemil ta' l-amministrazzjoni pubblika. Id-disposizzjonijiet li jghoddu ghall-Qorti ma jestendux irwiehom ghat-Tribunal. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stharrig kif ukoll it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jwettqu setghat li jixxiebhu. Izda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubblici jew dawk il-korpi biss li l-Att kostituttiv tieghu espressament jaghnih bihom fit-Tielet Skeda tieghu [Artikolu 25(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta] u ma ghandux is-setgha li jistharreg l-ghemil ta' awtoritajiet ohrajn li jaqghu fil-kompetenza wahdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgha ta' din il-Qorti li tisma' kawza ta' stharrig gudizzjarju tibqa' wahda residwali bhala garanzija ahharija fejn il-persuna mgarrba ma jkollhiex rimedju iehor gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju taht xi ligi ohra jew quddiem xi tribunal iehor.*

Minn din is-sentenza jidher ċar li skont il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva hija limitata biss ghal dawk l-awtoritajiet pubbliċi li l-Ligi kostituttiva taghhom taghti dritt ta' appell liċ-ċittadin minn atti amministrattivi da parte taghhom ghal quddiem dan it-Tribunal.

Illi l-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti kompetenza limitata lil dan it-Tribunal permezz tal-artikolu 40. Imkien iktar fl-istess Att ma jerga' jissemma li t-Tribunal ghandu xi kompetenza ohra dwar deċizjonijiet ohra mehuda mill-istess Awtorita`. Huwa evidenti li l-mertu ta' din il-kwistjoni m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dak imsemmi fl-artikolu 40.

Illi t-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrent illi huwa ghandu xi kompetenza generali biex jirrevedi l-atti kollha amministrattivi u li ma jinsabux elenkati fil-ligijiet speċjali. Filwaqt li huwa minnu li fl-artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 490 wiehed isib li talba ghal revizjoni ta' att amministrattiv ghandha tigi pprezentata fi zmien sitt (6) xhur mid-data li l-persuna aggravata saret taf biha jew setghet issir taf biha, dan japplika biss fejn il-

[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar 2012

ligi speċjali ma tkunx stipulat terminu entro liema ghandha titressaq azzjoni ghal revizjoni ta' att amministrattiv u mhux ghaliex dan it-Tribunal ghandu xi kompetenza li jirrevedi b'mod generali kull att amministrattiv.

Għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma, illi d-deċiżjoni appellata ma tistax tiġi riveduta minn dan it-Tribunal, iżda tista' tigi mistharrga mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, liema Qorti għandha l-ġurisdizzjoni residwali u ġenerali sabiex tissindika għemil amministrattiv ta' awtorità pubblika bhal ma hi l-Awtorita` intimata.

Għalhekk, in vista tal-emendi li daħlu in vigore fil-15 ta' Frar, 2016, permezz tal-Att IV tal-2016, it-Tribunal se jagħmel dak mitlub minnu ai termini tal-proviso ta' Artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra s-segwenti:-

*"Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in ċamera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża."*

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi l-eċċezzjoni sollevata *ex officio* billi jiddikjara ruħu mhux kompetenti biex jieħu konjizzjoni u jiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrent.

It-Tribunal se jkun qed jordna, permezz ta' digriet kamerali, li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom. In vista ta' dan, it-Tribunal qed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2024.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**